MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

### ONOR. IMHALLEF
### GINO CAMILLERI

Seduta tat-8 ta' April, 2005

Citazzjoni Numru. 368/1995/1

**Dr. Gerald Montanaro Gauci ghan-nom u in rapprezentanza ta' Seal International Limited kif debitament awtorizzat**

**vs**

**Alex Agius Cesario bhala chairman u ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta' Malta Export Credit Guaranteed Company Limited**

Il-Qorti

Rat ic-citazzjoni fejn l-attur nomine ppremetta:-

Illi s-socjeta' konvenuta l-Malta Export Credit Guarnatee Company Limited kienet harget favur l-attur polza ta' assikurazzjoni b'guarantee reference numru 0/0010/9104 taht liema polza gew assikurati r-riskji ta' l-attur fl-

esportazzjoni ta' merkanzija lis-socjeta' estera Moore Bowman Services Limited ta' Regent Street, London;

Illi s-socjeta' konvenuta giet debitament informata bin-negozjati li kienu qeghdin isiru mas-socjeta' Moore Bowman Services Limited;

Illi qabel ma s-socjeta' attrici spediet il-merkanzija informat lis-socjeta' konvenuta bil-kondizzjonijiet tal-komprovendita;

Illi wara li sar il-bejgh u wara li l-merkanzija giet esportata minn Malta s-socjeta' Moore Bowman Services Limitd ma kinitx f'posizzjoni finanzjarja li thallas ghal merkanzija u l-merkanzija baqghet f'bonded stores;

Illi s-socjeta' konvenuta kienet debitament informata b'dan u peress li s-socjeta' attrici ghamlet kollox sabiex timinimizza d-danni u fl-ahhar irnexxielha tbiegh l-istess merkanzija lil terzi bi prezz ridott;

Illi l-attur ssottometta l-"claim" relattiv mas-socjeta' konvenuta;

Illi s-socjeta' konvenuta ghal zmien twil kienet qed tirrifjuta li tonora l-claim minhabba allegazzjoni li ma kienx hemm kuntratt bil-miktub bejn is-socjeta' attrici u Moore Bowman Services Limited;

Illi issa s-socjeta' konvenuta qieghda tallega ukoll li ma tridx tonora l-obligazzjonijiet taghha billi hi ma kkonfermatx bil-miktub li ma kienx utli li jinbdew jew jitkomplew proceduri legali kontra Moore Bowman Services Limited;

Illi jidher car li s-socjeta' konvenuta qieghda tipprova li ma tonorax l-obbligazzjonijiet assunti minnha;

Illi ghalhekk l-attur sofra danni u s-socjeta' konvenuta ma tridx taghmel tajjeb ghat-telf li sofra l-attur;

Ghalhekk is-socjeta attrici talbet li s-socjeta konvenuta tghid ghaliex din il-Qorti ma ghandhiex:

1. tiddikjara u tiddeciedi li s-socjeta' konvenuta hija legalment tenuta u obbligata li taghmel tajjeb ghad-danni li sofra l-attur konsegwenza ghal riskju kopert mill-polza ta' assikurazzjoni;

2. tillikwida d-danni sofferti mill-attur anki b'opera ta' periti nominandi;

3. tikkundanna s-socjeta' konvenuta sabiex thallas lill-attur nomine s-somma hekk likwidata;

Bl-ispejjez komprizi dawk ta' l-ittra bonarja tad-9 ta' Jannar 1995 u bl-imghax kummercjali;

Rat id-dikjarazzjoni tas-socjeta attrici debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda taghha;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tas-socjeta konvenuta fejn gie eccepit :-

1. Illi, preliminarjament, din il-Qorti m'ghandhiex gurisdizzjoni biex tisma' u tiddeciedi dan il-kaz in vista tal-klawsola arbitrali fl-artikolu 16.9 tal-kondizzjonijiet tal-polza ta' assikurazzjoni in kwistjoni (Dok. B);

2. Illi minghajr pregudizzju ghall-prmess il-polza ta' assikurazzjoni in kwestjoni m'ghandhiex tirrispondi stante li l-attur nomine naqas li josserva l-principju ta' "uberrima fides" bi ksur ta' l-artiolu 16.1 tal-polza ta' assikurazzjoni (Dok. B);

3. Illi, minghajr pregudizzju ghall-premess, l-esportazzjoni tal-merkanzija in kwestjoni ma hijiex koperta mill-polza ta' assikurazzjoni stante li l-istess kuntratt m'ghandux ir-rekwiziti rikjesti mill-artikolu 2.2.2 tal-polza ta' assikurazzjoni (Dok. B);

4. Illi, minghajr pregudizzju ghall-premess, ir-risku in kwestjoni ma huwiex kopert mill-polza ta' assikurazzjoni

stante li l-attur nomine naqas li jistitwixxi proceduri legali kontra l-kompratur ghat-tenur tal-proviso ta' l-artikolu 3.1.3. tal-polza ta' assikurazzjoni (Dok. B) wara li l-istess kompratur naqas jew irrifjuta li jaccetta l-merkanzija;

5. Illi, minghajr pregudizzju ghall-premess l-allegat telf m'huwiex kopert mill-polza ta' assikurazzjoni in kwestjoni stante li l-attur nomine naqas li juza l-kura u diligenza ordinarja u li jiehu mizuri ragjonevoli biex jipprevenixxi jew jiminimizza l-allegat telf bi ksur ta' l-artikolu 12.1 tal-polza ta' assikurazzjoni (Dok. B);

6. Illi, minghajr pregudizzju ghall-premess, anke f'kaz li l-kuntratt u r-riskju in kwestjoni huma koperti mill-polza ta' assikurazzjoni (haga li ma hijiex ammessa) skond l-artikolu 8.2.1 tal-polza ta' assikurazzjoni (Dok. B) l-istess polza ma tkoprix l-allegat telf stante li l-kompratur qed jallega li hu ma accettax il-merkanzija in kwistjoni ghaliex giet mibghuta ferm aktar kmieni minn kif gie miftiehem;

Rat id-dikjarazzjoni tas-socjeta konvenuta debitament konfermta bil-gurament u l-lista tax-xhieda taghha;

Rat il-verbal tas-seduta tat-12 ta’ Dicembru 1996 minn fejn jirrizulta li s-socjeta konvenuta rtirat l-ewwel eccezzjoni preliminari taghha;

Rat il-verbal tas-seduta tas-7 ta’ Novembru 2000;

Rat in-nota ta’ osservazzjonijiet tas-socjeta attrici u dik tas-socjeta konvenuta;

Ikkonsidrat:

Is-socjeta attrici, Seal International Limited, fic-citazzjoni, tippremetti illi s-socjeta' konvenuta Malta Export Credit Guaranteed Company Limited kienet harget, favur is-socjeta attrici, polza ta' assikurazzjoni, li biha gew assikurati r-riskji tas-socjeta attrici fl-esportazzjoni ta'

merkanzija lill ditta estera, in partikolari Moore Bowman Services Limited ta' Londra. Is-socjeta attrici tippremetti ukoll li giet esportata xi merkanzija lill-imsemmija ditta estera, li da parti taghha naqset li taccetta l-merkanzija u b’hekk naqset ukoll li thallas ghaliha;

Fic-citazzjoni s-socjeta attrici tkompli tippremetti li l-merkanzija kellha tinzamm f’xi bonded store u finalment inbieghat lil terzi bi prezz ridott. Is-socjeta attrici ghamlet il-“claim” relattiv, skond l-imsemmija polza ta’ assikurazzjoni, lis-socjeta' konvenuta, li pero’ rrifjutat li thallas. Skond is-socjeta attrici, s-socjeta' konvenuta bi pretesti ma onoratx l-obbligazzjonijiet assunti minnha. Ghalhekk is-socjeta attrici qed titlob li jigi dikjarat li s-socjeta' konvenuta hi legalment obbligata li taghmel tajjeb ghad-danni li sofriet is-socjeta attrici u dana ai termini tar-riskju kopert mill-imsemmija polza ta' assikurazzjoni, li jigu likwidati l-istess danni u li s-socjeta' konvenuta tigi kundannata thallas id-danni hekk likwidati;

Is-socjeta konvenuta ssottomettiet diversi eccezzjonijiet, pero’ rtirat l-ewwel eccezzjoni rigwardanti il-gurisdizzjoni ta’ din il-Qorti li tisma' u tiddeciedi dan il-kaz. L-istess socjeta konvenuta qed teccepixxi li s-socjeta attrici naqset li tosserva l-principju ta' "uberrima fides" kif titlob l-istess polza fl-artikolu 16.1 u kif jitolbu l-principji legali in generali u dana peress li s-socjeta' attrici ma zvelatx il-fatti kollha materjali. Teccepixxi ukoll li l-esportazzjoni tal-merkanzija in kwestjoni mhux koperta mill-istess polza stante li il-kuntratt relattiv m'ghandux ir-rekwiziti rikjesti mill-artikolu 2.2.2 tal-istess polza, u cioe’ li l-kuntratt ta' komprovendita irid ikun "in writing, requires payment to be made in the approved currency specified in the Schedule, specifies the nature, description and quantity of goods sold or agreed to be sold, the unit price and contract price, the terms and conditions of despatch and payment, the currency in which payment is to be made and, the place of payment." Skond is-socjeta konvenuta dan ir-rekwizit essenzjali ma giex sodisfatt;

Is-socjeta konvenuta tkompli teccepixxi li r-riskju in kwestjoni mhux kopert stante li s-socjeta attrici naqset li

tistitwixxi proceduri legali kontra d-ditta estera u dana skond l-artikolu 3.1.3. tal-polza. F’dan ir-rigward is-socjeta konvenuta tirrileva li r-riskju, u cioe' n-nuqqas jew ir-rifjut tad-ditta estera li jaccettaw il-merkanzija, mhux kopert bil-polza. L-imsemmi artikolu 3.1.3 jipprovdi li “this risk (i.e. the failure of refusal of the buyer to accept goods despatched) shall not apply uneless MECGC has agreed in writing that no useful purpose would be served by the instituion or continuation of legal proceedings against the Buyer". Ghalhekk, skond is-socjeta konvenuta, s-socjeta' attrici kellha tibda proceduri legali kontra d-ditta estera jew alternattivament, biex ma tghamilx hekk, kellha tottjeni il-permess bil-miktub tas-socjeta' konvenuta, liema permess bil-miktub qatt ma nghata. Is-socjeta konvenuta teccepixxi ukoll li l-allegat telf m'hux kopert stante li s-socjeta attrici naqset li tuza l-kura u diligenza ordinarja u li tiehu mizuri ragjonevoli biex tippreveni jew timinimizza l-allegat telf bi ksur ta' l-artikolu 12.1 tal-istess polza, li jipprovdi li "the insured shall use due care and diligence and take all reasonable measures to prevent or minimise loss, whether acutal or potential, under any contract." Is-socjeta attrici naqset li tiehu dawn il-mizuri;

Finalment is-socjeta konvenuta tissottometti li anke f'kaz li l-kuntratt u r-riskju kienu koperti l-polza ma tirrispondix ghall-allegat telf u dana ghaliex skond l-artikolu 8.2 tal-polza - "Loss shall not be ascertained ... so long as, for any reason, the buyer claims that he is justified in withholding payment of any Amount Owing under that contract or in otherwise not performing any of his obligations under that contract." F’dan ir-rigward is-socjeta konvenuta ssostni li d-ditta estera qed tallega li ma accettatx il-merkanzija ghaliex din giet mibghuta ferm aktar kmieni minn kif gie miftiehem. B’hekk, skond is-socjeta konvenuta, dan ifisser li hemm kwestjoni bejn il-venditur u l-kumpratur, li qed jallega xi inadempjenza kontrattwali tal-parti l-ohra, u l-polza ma tirrispondix sakemm tigi rizolta l-istess kwestjoni;

Mill-provi jirrizulta li s-socjeta' konvenuta accettat li tkopri lis-socjeta attrici b’polza ta' assikurazzjoni kontra r-riskji involuti fl-esportazzjoni ta' merkanzija lid-ditta estera

Moore Bowman ta' Londra. Is-socjeta attrici esportat merkanzija, cioe' kwantita' ta' "water proof" golf suits lill-imsemmija ditta estera, li da parti taghha naqset li thallas ghall-istess merkanzija. Is-socjeta attrici tinsisti li kien hemm kopertura assikurattiva ghar-rigward ta' dan ir-riskju u ghalhekk qed titlob li s-socjeta konvenuta tigi ritenuta responsabbli li thallas id-danni kollha relattivi;

Direttur tas-socjeta attrici kkonferma li fis-7 ta' Gunju 1992 is-socjeta attrici bieghet il-merkanzija in kwestjoni lid-ditta estera, li sabiex thallas kellha 180 gurnata wara l-konsenja. Jidher li l-merkanzija giet esportata ghall-Renju Unit, pero' jidher ukoll li d-ditta estera naqset li tirtira l-merkanzija u ukoll naqset li thallas u ghalhekk saret il-"claim" lis-socjeta konvenuta skond il-polza in kwestjoni. Is-socjeta konvenuta mhux qed taccetta dan il-"claim";

Qed jinghad li "jidher" li l-merkanzija giet esportata u "jidher" li d-ditta estera ma accettatx il-merkanzija peress li hemm nuqqas ta' provi f'dan ir-rigward. Addirittura l-istess direttur tas-socjeta attrici jghid li huwa ma jafx x'sar minnha l-merkanzija wara li din giet esportata lejn ir-Renju Unit. F'dan ir-rigward jigi ukoll puntwalizzat li fic-citazzjoni u fid-dikjarazzjoni, konfermata bil-gurament, hemm indikat li l-merkanzija inbieghat lill terzi bi prezz ridott. Inoltre hafna dokumenti, li jistghu jitqiesu li huma ta' certu rilevanza, baqghu ma gewx esibiti peress li jidher li ntilfu. Anke jekk is-socjeta attrici kkonsenjat dawn id-dokumeti lis-socjeta konvenuta, zgur li kien ikun ghaqli li ghall-inqas izzomm kopji al-istess dokumenti;

F'dan ir-rigward l-istess direttur tas-socjea attrici qal li ma jeskludix li setghu saru xi proceduri barra minn Malta sabiex jigi rkuprat il-prezz tal-merkanzija minghand id-ditta estera pero', anke f'dan ir-rigward, id-dokumenti relattivi ma nstabux, u ghalhekk l-istess direttur ma setghax jghid fic-cert. Lanqas ma jirrizulta b'mod car jekk id-ditta estara rrifjutatx li taccetta il-merkanzija u jekk irrifjutat ghala sar dan ir-rifjut;

Is-socjeta attrici tammetti li ma kienx hemm kuntratt bil-miktub dwar il-kompra vendita' in kwestjoni. Ghall-istess

socjeta attrici pero' hemm dokumenti ohra li juru li kien hemm din l-ordni u li l-merkanzija giet mibghuta l-Ingilterra. F'dan ir-rigward, pero', ghandu jinghad li ma jirrizultawx dokumenti bil-miktub li jistghu jindikaw li kien hemm effettivament "offerta" u "accettazzjoni". Fi kwalunkwe kaz jibqa l-fatt li hu nnegabbli li l-polza relattiva tirrekjedi li sabiex ikun hemm kopertura assikurattiva irid ikun hemm ftehim bil-miktub dwar il-bejgh tal-merkanzija u liema ftehim kellu ukoll jistipula varji dettalji dwar kif kellu jsir il-hlas. Is-socjeta attrici stess tammetti li dan il-ftehim ma jesstix;

Fid-dawl tal-premess ma jistax jinghad li s-socjeta attrici irnexxiela tipprova b'mod sufficjenti l-pretensjonijiet taghha u ghalhekk it-talbiet kollha taghha ma jistghu qatt jigu akkolti;

Ghal dawn il-motivi :

Tiddeciedi bili tichad it-talbiet kollha attrici;

Spejjez kollha kontra s-socjeta attrici.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------